# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 50/2022**

Data: L-Erbgħa 11 ta' Mejju, 2022

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli – Sindku<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier<br>Sna Toshera Schembri - Kunsilliera<br>Sur Adrian Tanti - Kunsillier<br>Sur Mark Lombardo – Kunsillier |
| Skużati: | Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku<br>Sur Ray Deguara – Kunsillier<br>Dr Ryan Ellul – Kunsillier |
| Assenti: | Sur Mario Fava – Kunsillier |
| | Ritianne Bonnici –Deputat Segretarju Eżekuttiv |

### AĠENDA

**50.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**50.2 MINUTI**

**50.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**50.4 PURCHASE REQUEST FORMS**

**50.5 ĦLASIJIET**

**50.6 FINANZI**

**50.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI**

**50.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI**

**50.9 KORRISPONDENZA**

**50.10 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**50.11 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI**

**50.12 TRAFFIC MANAGEMENT**

**50.13 STAFF**

**50.14 MOZZJONIJIET**

**50.15 PLANNING AUTHORITY**

**50.16 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**50.17 MISTOQSIJIET**

**50.18 AĠĠORNAMENT**

---

Is-Sindku radd is-salib u qal talba. Irringrazzja lill-Kunsilliera li matul ix-xahar li għadda kienu nvoluti f'attivitajiet biex il-Kunsill kompla jwassal l-messaġġ lejn ir-residenti tal-lokal tal-Fgura

## 50.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**50.1.1** Kien hemm tliet talbiet ta' apoloġija dik tal-Viċi Sindku, Kuns. R Deguara u Kuns R Elllul.

Il-membri tal-kamra approvaw dawn it-talbiet ta' apoloġija.

## 50.2 MINUTI

**50.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6148/22/8** "sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 49/2022 bid-data tat-13 ta' April 2022".

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 50.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**50.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 50.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**50.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6149/22/8** "Sabiex jiġu approvati PRFPO għal-laqgħa tal-kunsill ta' Mejju 2022 kif inhu anness" (Ara DOK 'A' anness).

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 50.5 ĦLASIJIET

**50.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6150/22/8** "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet minn 7/4/22 sa 5/5/22 kif inhu anness". (Ara DOK 'B' anness).

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 50.6 FINANZI

**50.6.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 50.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**50.7.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 50.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**50.8.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li kemm it-tender tal-knisja kif ukoll tax-xiri tal-vann, il-proċess wasal biex jingħalaq u qed nistennew mis-Sur Adrian Mifsud sabiex isir il-ftuħ) tat-tender biex min-naħa tal-Kunsill inkunu nistgħu naġġudikaw it-tenders rispettivi.

Is-Sindku nforma li rigward Triq il-Pitirross, il-Kunsill se jkun qed iqabbad il-kuntrattur tal-istess Kunsill sabiex ikun jista' jibda l-proċess ta' din it-triq fuq parir tal-istess Perit tal-Kunsill. Għaldaqstant is-Sindku talab li ssir laqgħa mal-kuntrattur sabiex jibda l-proċess .

**50.8.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6151/22/8** "Sabiex tinħareġ tender biex il-parti l-antika ta' Triq il-Gallu minn Triq Hompesch sa Triq Pepprin isir pavimentar kif ukoll jitwaħħlu fanali antiki"

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 50.9 KORRISPONDENZA

**50.9.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li rigward it-talba għal-laqgħa mal-Onorevoli Mark Anthony Sammut talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv li din il-laqgħa għandha ssir qabel il-laqgħa tal-Kunsill. Ġaladarba ma kienx hemm ftehim is-Sindku propona li tali laqgħa ssir il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022 fis-7:30pm. Dwar dan kien hemm qbil mill-membri tal-kamra preżenti.

**50.9.2** Is-Sindku nforma li l-membri tal-Fgura Boċċi Club talbu li l-Kunsill jgħinhom billi jsir fence madwar iż-żona fejn jintlagħab il-boċċi. Dwar dan is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6152/22/8** "Biex dan il-Kunsill flimkien ma' Fgura Boċċi Club għandu jsir fence kif ukoll il-manutenzjoni mad-dawra tal-pitch bħala protezzjoni għall-vetturi li qed jgħaddu biswiet il-pitch tal-boċċi. Dan għar-raġuni li LIKK (boċċa żgħira tal-ħadid) ġieli tinqaras u ttir fuq xi wind screen tal-karozzi u b'hekk qed jidħlu fi spejjeż kbar apparti li ġieli korrew xi nies ukoll. Dan għal spiża ta' €500"

Din kienet sekondata mill-Kuns A Tanti

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.9.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6153/22/8** "sabiex dan il-Kunsill jaċċetta r-rikjesta tas-Sur Matthew Dimech biex tiġi nstallata reverse vending machine fejn ir-residenti jkunu jistgħu jsarrfu l-flixken tal-plastik hekk kif indikat fis-site plan ċioe fi Triq A. M. Valperga fejn il-grawnd tal-Fgura United"

Din kienet sekondata mill-Kuns A Tanti

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.9.4** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva talba mingħand l-FSWS biex jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill. Dwar dan Kuns C Bonello staqsa dwar il-bye law li dan il-Kunsill permezz tal-Avukat imqabbad

mill-istess Kunsill kellu jemenda. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li preżentament il-bye-law tinsab għall-arranġamenti għand l-avukata mqabbda mill-Kunsill u li wara diversi tfakkiriet għadna bla risposta min-naħa tagħha. Inġibdet l-attenzjoni sabiex nibqgħu nirsistu biex din il-bye law tiġi ffinalizzata peress li l-kunsill qed jitlef il-finanzi fuq bażi regolari. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6154/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jilqa' t-talba tas-Sur Andrew Marmara biex jagħmel użu mis-sala tal-kunsill li tinsab fit-tieni sular nhar is-26 ta' Mejju mill-11am sas-1pm fuq xogħol relatat mal-FSWS"

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.9.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6155/22/8** "għandu jilqa' t-talba tas-Sna Sara Farruġia rappreżentanta tal-FSWS biex tagħmel użu mis-sala tal-kunsill li tinsab fit-tieni sular fl-20 ta' Lulju 2022 mit-8am sa 14:30pm"

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.9.6** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva talba għall-użu tas-sala fl-24 ta' Awwissu mingħand is-Sur Pavia Livori biex iniehdi ktieb. Għal dan il-Kuns M Lombardo staqsa x'kien is-suġġett tal-ktieb. Peress li s-Sur Pavia Livori ma niżżilx is-suġġett li jitratta fuq l-ktieb, is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv sabiex tagħmel kuntatt miegħu u tistaqsi iktar informazzjoni dwar dan il-ktieb.

**50.9.7** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6156/22/8** "Rigward il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-demm dan il-Kunsill għandu jipparteċipa fiha billi fl-14 ta' Ġunju l-monument tas-Salib jinxtegħel b'dawl ħamrani"

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.9.8** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li hekk kif reġgħa wasal is-Sajf il-bandli jkun iktar frekwentat u għaldaqstant il-kunsill għandu jżied fis-sistema ta' CCTV hekk kif anke il-qofol tal-bandli mhux qed jintlaħaq u b'hekk se jkun qed jiġi milħuq il-bandli kollu. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6157/22/8** "Rigward is-sistema ta' CCTV li tinsab installata fi Pjazza Patri Redent Gauci (Bandli), ġie nnutat li camera minnhom għandha bżonn li tiġi ri-allokata kif ukoll tiżdied oħra biex tiġi sorveljata ż-żona tal-equipment tal-bandli"

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.9.9** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva talba mingħand il-Fgura United FC għall-programm edukattiv. Is-Sindku ġie avviċinat mill-President tal-Club fejn tal-aħħar infurmah li se jkunu qed jagħmlu ġemellaġġ li għalkemm huwa wieħed sportiv se jkun ukoll edukattiv. It-talba kienet biex jikkollaboraw mal-kunsill biex jiġu pprintjati kotba f'dan ir-rigward. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6158/22/8** "B'referenza għat-talba tal-Fgura United FC għall-programm edukattiv u sportiv imħejji mill-istess għaqda matul il-ġranet tas-Sajf bejn is-6 ta' Ġunju u s-6 ta' Awwissu, dan il-Kunsill għandu jikkollabora mal-imsemmija għaqda u tali rikjesta li tammonta għal €700 għandha tiġi aċċetata"

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo u mill-Kuns A Tanti

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.9.10** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6159/22/8** "sabiex isir ħlas ta' €300 vat inkluż għall-publikazzjoni fuq il-ktieb annwali fl-okkażjoni tal-festa liturġika tal-Madonna tal-Karmnu. L-avviż għandu jindika l-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju Amministrattiv għaż-żmien tas-sajf"

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo u mill-Kuns T Schembri

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 50.10 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**50.10.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li dan il-Kunsill għandu jagħmel użu minn spazju li jinsab fiż-żona ta' Triq is-Sur kantuniera ma' Triq Mahatma Gandhi fejn preżentament tinsab mitluqa u għalhekk is-Sindku qed jiproponi li l-imsemmija zona issir open gym.

Il-Kuns C Bonello qal li jaqbel mal-idea iżda mhux mal-post ssuġġeriet peress li fejn qed jiġi propost hemm ir-residenti joqgħodu u finalment se jkunu qed jiżdiedu l-ilmenti ħabba l-istorju speċjalment jekk isir użu mill-open gym wara nofsinhar fejn dak li jkun irid jistrieħ u ma jkunx jista'. Fejn qed jiġi propost il-Kunsill se jkun qed joħloq inkonvenjent lir-residenti ta' din iż-żona. Għaldaqstant qed jissuġġerixxi li din il-proposta għandha ssir fi Triq il-Pitirross.

Kuns M Lombardo saħaq li jekk isir dan il-proġett li qed jiġi propost, kemm jekk isir fejn ppropona s-Sindku kif ukoll jekk isir fi Triq il-Pitirross, għandu

jsir sistema ta’ CCTV. Kompla jgħid li ż-żona ssuġġerita mis-Sindku li l-imsemmija żona ma tibqax mitluqa, jaqbel magħha iżda CCTV għandu jkun hemm dejjem għax min se jmur, se jmur għal użu mhux biex jgħaddi l-ħin.

Kuns A Tanti saħaq li l-ġenerazzjoni li tifrekwenta dawn it-tip ta’ open gyms huma iktar frekwentati minn ġenerazzjoni anzjana. U għaldaqstant ma għandhomx isiru equipment għat-tfal.

Wara qbil li kien hemm is-Sindku ressaq mozzjoni: **6160/22/8** “sabiex jibda l-proċess biex iż-żona ta' bejn l-ewwel żewġ blokkok tal-Gvern fi Triq Mahatma Gandhi ssir open gym. Dwar dan għandha ssir laqgħa ma' Sports Malta biex tintalab l-għajnuna tagħhom f'dan ir-rigward”

Din kienet sekondata mill-Kuns A Tanti

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.10.2** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li hekk kif se jkun qed jiltaqgħa ma’ rappreżentant ta’ Sports Malta rigward l-open gym, għandha ssir laqgħa wkoll mal-Ministru tal-Enerġija, Intrapriżi u Żvilupp Sostenibbli rigward il-proġett ta’ Wesgħa Reggie Miller biex dan il-Kunsill jitlob l-koperazzjoni u l-għajnuna tagħhom f’dan il-proġett. Is-Sindku se jkun qed jitlob din il-laqgħa sabiex imur bil-proposta kif ukoll bil-pjanti u l-B.O.Q.’s sabiex jitlob il-kollaborazzjoni tal-Ministru f’dan ir-rigward.

## 50.11 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**50.11.1** Ma tqajjem l-ebda punt f’dan ir-rigward.

## 50.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**50.12.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6161/22/8** “Dan il-Kunsill għandu jżomm mal-pożizzjoni tiegħu u ma jilqax it-talba ta' Orient Express Food Store li jinsab fi Triq San Tumas sabiex issir un/loading bay”

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.12.2** Is-Sindku qal li xtaq li kien preżenti c-Chairperson tat-traffic management iżda ġaladarba ma kienx preżenti l-proġetti għandhom jitkomplew u għaldaqstant wera pjanta lill-membri tal-kamra sabiex bi qbil jibda l-proċess biex idur it-traffic management fiż-żona ta’ Triq il-Karmnu. Is-Sindku ta kopja tal-pjanta lill-membri preżenti kif ukoll talab lid-Deputat

sabiex tgħaddi kopja tal-pjanta lill-membri li huma jinsabu indisposti sabiex fil-laqgha li jmiss tiġi diskussa u deċiża kif se jkun qed jiġi mmaniġjat it-traffiku fiż-żona msemmija.
Kien hemm diskussjoni kif jistgħa jitjieb l-immaniġjar tat-traffiku fejn se jkun qed jerġgħa jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Ġunju.

## 50.13 STAFF

**50.13.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6162/22/8** "sabiex dan il-Kunsill jaħtar lil Ms Ritianne Bonnici bħalha Deputat Segretarju Eżekuttiv għat-tliet xhur li ġejjin b'effett mill-15 ta' Mejju 2022"

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.13.2** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-intervisti għal Skala 15 se jsiru nhar il-Ħamis 19 ta' Mejju fis-18:00pm u talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-membri tal-interviewing board li jinsabu ndisposti.

## 50.14 MOZZJONIJIET

**50.14.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 50.15 PLANNING AUTHORITY

**50.15.1** Is-Sindku fakkar lill-membri tal-kamra li matul ix-xahar ta' Mejju kien hemm l-appell tal-*car wash* fejn is-Sindku kien preżenti għall-*webinar* li sar u fejn ukoll baqa' jżomm il-pożizzjoni li ħa l-Kunsill li joġġezzjona għal din l-applikazzjoni. Informa wkoll li l-board tal-Awtorita' tal-Ippjanar talab lilll-applikant biex iqabbad *surveyor* biex jagħmel it-test tan-*noise pollution*. L-appell għadu ma ntlaqax iżda sal-14 ta' Ġunju għandu jkun ippreżentat ir-rapport tan-*noise pollution*. Is-Sindku tkellem ukoll mar-residenti kif ukoll mal-Perit tal-Kunsill biex jekk ikun hemm il-ħtieġa l-Perit tal-istess Kunsill ikun preżenti fuq il-post mas-*surveyor* waqt li jkun qed jagħmel *in-noise pollution* iżda l-Perit tal-Kunsill informa lis-Sindku li ma kienx hemm il-ħtieġa ta' dan.

## 50.16 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**50.16.1** Kuns C Bonello qal li rigward il-Way Marker, iltqajna mal-Kuntrattur li ser jgħamel il-bażi tal-monument, fejn kollox ġie ffinalizzat u l-bażi ser tkun lesta sa nofs Settembru 2022. Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-Kunsill li min-naħa tal-Kunsill irridu nippreparaw sabiex isiru l-installazzjoni tad-dawl inkluż jekk hemmx bżonn xi permessi sabiex nieħdu d-dawl mil-linja li għaddejja u parti minn dan ix-xogħol irid isir waqt li jkun qed isir il-bażi.

**50.16.2** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tan-niċċa tal-Madonna tal-Grazzja, ix-xogħol fuq in-niċċa huwa lest u anke l-affarijiet l-oħrajn bħal kuruni, frame ecc. Li fadal huwa li jinżebaħ il-pilastru, jitwaħħlu l-affarijiet u tingħata l-aħħar irtokki lill-istatwa. Dan ix-xogħol kellu jieqaf peress li l-Kunsill applika għall-iskema sabiex nieħdu parti mill-ispejjeż fuq ir-restawr tal-istatwa. Kif il-Kunsill ikollu risposta dwar din l-iskema għandu jkompli bix-xoghol sabiex jigi finalizzat.

**50.16.3** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li dwar in-nicca tal-Madonna tal-Karmnu li tinsab fi Triq il-Karmnu k/m Triq Hompesch, fil-ġimgħat li għaddew żviluppaw xi qsiem fiż-żebgħa u allura l-kuntrattur ġie mitlub jagħmel ix-xogħol sabiex jirrimedja din il-ħsara. Fil-fatt il-kuntrattur ġie u rranġa l-ħsarat li kien hemm billi reġgħa barax l-istatwa kollha u reġgħu tawha ż-żebgħa mingħajr ħlas min-naħa tal-Kunsill.

**50.16.4** Il-Kuns C Bonello qal li rigward il-fonzuspizju tal-arblu ta' Triq il-Karmnu, irid jiġi ordnat l-irħam li bħala Kunsillier responsabbli minnu ser ikun qed jiddiskutieh mal-kuntrattur fil-ġranet li ġejjin peress li ma kellux ċans jiltaqa' miegħu. Rigward it-tpoġġija tal-arblu ser jerġgħa jkellem lill-Kummissjoni Festa Esterna sabiex jara fejn wasal ix-xogħol peress li l-aħħar li kellimhom infurmawh li kienu ser jibdew il-preparamenti tal-festa.

**50.16.5** Il-Kuns C Bonello informa lill-membri tal-kamra li fuq il-modifikazzjoni u t-twaqqif tal-arblu ta' Triq San Mikiel kantuniera ma' Triq il-Koppla, ser ikun qed jitkellem mal-Kummissjoni Festa Esterna fl-istess laqgħa li se jkun qed jagħmel rigward l-arblu ta' Triq il-Karmnu

**50.16.6** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li nhar il-Ġimgħa 20 ta' Mejju se ssir laqgħa mal-familja Camilleri Cauchi rigward il-Wirja li l-Kunsill se jkun qed itellgħa fil-binja tal-Kunsill.

**50.16.7** Il-Kuns C Bonello qal li l-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka fiċ-ċirkostanzi kienet suċċess ieħor. Verament li r-riħ tellef ħafna speċjalment lix-xemgħat. Ser tkun qed tiġi organizzata laqgħa mal-Kummissjoni Festa Esterna u oħrajn sabiex isir assessment ta' x'setgħa sar aħjar u idejat għas-sena d-dieħla.

**50.16.8** Il-Kuns C Bonello staqsa lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv rigward ir-restawr tax-Xelter ta' Triq Hompesch. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kuns C Bonello kif ukoll lill-membri tal-kamra li l-kwotazzjonijiet

jinsabu għand il-Kunsill u ġiet infurmata li r-restawr u tindif se jsir min-naħa tar-restoration unit tal-gvern. Il-Kuns C Bonello qal li meta tkellem mas-Sur Camilleri Cauchi kif ukoll ma' Marco Abdilla, qalulu li dawn kienu se jagħmlu r-restawr. Għaldaqstant għandu jkompli l-proċess biex jingħata l-permess ħalli jibda t-tindif tax-xelter.

**50.16.9** Il-Kuns C Bonello spjega li l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li tinsab f'Wesgħa Reggie Miller ġiet maqlugħa minn postha u tinsab fil-garage tal-Kunsill sabiex sarulha xi tiswijiet oħrajn fuq in-naħa ta' isfel tal-istess statwa. Il-Kunsill qed jistenna li din terġgħa titpoġġa f'postha iżda se tkun qed tħares lejn Triq il-Liedna. Kif dan isir inkomplu bl-iskrizzjonijiet li ser isiru fuq il-pedestal tagħha.

**50.16.10** Il-Kuns C Bonello qal li rigward Triq Patri Mawrizju Mizzi, l-Kumitat għat-Tismija tat-toroq wara li approva t-talba issa qed jitlob li l-Pjazza tibqa' parti minn Sqaq Irjallu. Min-naħa tagħna qed insostnu li ma jgħamilx sens li Pjazza tibqa' tissejjaħ Sqaq u għamilna rappreżentazzjoni f'dan is-sens. Il-Kunsill ser iżomm ma' din il-pożizzjoni iżda ovvjament l-aħħar kelma hija tal-Kumitat responsabbli. Nistennew mingħandhom x'ser tkun ir-risposta u nipproċedu minn hemm.

**50.16.11** Il-Kuns C Bonello qal li dwar il-ktejjeb tat-tfal marbut mal-attivita' li ttellgħat fil-Milied 2021, dan wasal fil-fażi finali tiegħu u għalhekk fi ftit żmien ieħor ser inkunu nistgħu mmexxu bil-preżentazzjoni.

**50.16.12** Il-Kuns C Bonello qal li l-preparamenti dwar il-Karnival għaddejjin sew. Il-Karnival ser isir il-Ħadd filgħodu 22 ta' Mejju bejn id-9.30am u 12pm quddiem il-bini tal-Kunsill Lokali. Nhar it-Tnejn li ġej f'nofsinhar ser issir laqgħa oħra sabiex niffinalizzaw il-programm u l-preparamenti l-oħrajn kollha. Waqt il-Karnival ser issir il-preżentazzjoni tal-kotba tat-tfal marbuta ma' din l-inizjattiva wkoll.

**50.16.13** Il-Kuns C Bonello qal li rigward l-inizjattiva għat-tfal bl-isem 'Tpinġija għall-Festa', wara l-approvazzjoni tal-mozzjoni li saret fil-laqgħa preċidenti sabiex issir din l-inizjattiva, il-preparamenti ser ikunu qed jibdew wara l-Karnival bit-tħejjijiet għal din l-attivita'. Għaldaqstant il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6163/22/8** "Mozzjoni sabiex fuq l-inizjattiva Tpinġija għall-Festa ssir allokazzjoni inizjali ta' €1,000 sabiex tibda l-ħidma"

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**50.16.14** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri li dwar l-iskemi Kultura 2022, il-Kunsill għadu bla risposta.

**50.16.15** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li fin-nuqqas tal-Viċi Sindku se jkun qed jaqra l-progress ta' ħidma tal-Viċi Sindku. Għaldaqstant is-Sindku qal li tkompla x-xogħol min-naħa tal-ħaddiema tar-Reġjun Port fuq il-ħawt ta' Triq it-Tagħlim. Sar il-konkos kif ukoll il-kisi tal-istess ħawt. Sar ukoll il-qatran biex jiġi protett il-ħajt tal-iskola u qed isiru d-drains tal-istess ħawt biex l-ilma jkollu minn fejn jiskula. Jonqos li issa jintefgħa ż-żrar fil-qiegħ tal-ħawt biex iservi ta' filter u d-drains ma jinstaddux kif ukoll il-ħamrija. Ser ikomplu x-xogħol biex issir kannizzata biex il-pjanti li jinżergħu jkunu jistgħu jixxebilku miegħu.

## 50.17 MISTOQSIJIET

**50.17.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 50.18 AĠĠORNAMENT

**50.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-19:20hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 8 ta' Ġunju, 2022 fis-18:00hrs.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Dalli<br>Sindku | Is-Sinjura Ritianne Bonnici<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Data: 11 ta' Mejju, 2022